MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 58/2003

**George Spiteri & Sons Limited**

**Vs**

**Pilastri Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi d-ditta konvenuta kienet ordnat minghand id-ditta attrici xoghol ta' rham u granit liema xoghol kien gie esegwit fil-Malta International Airport, fuq inkarigu tad-ditta konvenuta;

Illi d-ditta attrici kienet adempixxiet l-inkarigu lilha minna moghti u kkonsenjat u esegwiet l-ordni hekk lilha maghmula u subkontrattata mad-ditta konvenuta, sa minn Gunju tas-sena 2002;

Illi d-ditta konvenuta gharrfet li ghandha bilanc dovut lid-ditta attrici fl-ammont ta’ sbatax-il elf, mija u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm17,197.58c) liema somma ghadha sal-lum mhux imhallsa;

Illi dan id-debitu oltre li huwa maghruf mid-ditta konvenuta, huwa veru, cert, likwidu u dovut, id-ditta konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talbiet tad-ditta attrici;

Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti tista’ timxi bi proceduri sommarji specjali skond l-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura w Organizzazzjoni Civili, u tiddeciedi skond it-talbiet minghajr ma tisma’ l-kawza.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talbiet, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. tiddikjara lid-ditta konvenuta debitrici tad-ditta attrici fl-ammont ta’ sbatax-il elf u mija u sebgha u disghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm17,197.58); u

3. tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas l-istess somma lid-ditta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat precedentement u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta’ Gunju tas-sena 2002, meta kien terminat il-kuntratt imsemmi, kontra d-ditta konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn George Spiteri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------